**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 137 / 2020**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Norman Vella**

Illum 11 ta' Dicembru, 2020.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Norman Vella detentur tal-karta tal-identità numru 15190G, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar l-10 ta' Marzu, 2019 ghall-habta ta' 09:30 hrs fi Triq l-Imgarr, Ghajnsielem, Ghawdex, waqt li kien qieghed jaghmel uzu minn motorcycle Reg. No.: JBI-294 Suzuki GSX:

1. Saq l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata, perikoluza u bla kont;
2. Kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti kkaguna hsara involontarja fuq il-vettura Reg. No.: DUB-100 Fiat ghad-dannu ta' Alfred Borg I.D. : 23656(G).

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minbarra l-piena stabbilita bil-ligi timponi wkoll lill-imputat milli jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien li l-Qorti jidrilha li hu xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar l-24 ta' Lulju 2020, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi indikati, sabet lill-imputat hati tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, izda fir-rigward ta' sewqan traskurat biss, u kkundannatu multa ta' mitejn ewro (€200.00).

In oltre, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi indikati, sabet lill-imputat Norman Vella hati wkoll tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, izda b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, illiberatu bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena (1) mil-lum.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' libertà kundizzjonata.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Norman Vella, ipprezentat fir-Registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-11 ta' Awwissu 2020, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha thassar u tirrevoka d-decizjoni appellata, fis-sens illi tillibera lill-appellant mill-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Norman Vella huma s-segwenti u cioè:-

Rat l-aggravju tal-appellant huwa wiehed car u manifest u jikkonsisti primarjament rigward l-apprezzament hazin tal-provi li kellha quddiemha l-Ewwel Onorabbli Qorti, partikolarment ir-rapport tal-espert nominat mill-istess Qorti u l-konkluzjonijiet relattivi.

Illi jirrizulta evidentement car illi s-sewwieq tal-vettura Fiat certu Alfred Borg, hareg minn fuq Stop Sign minghajr ma waqaf hekk kif kien obbligat illi jaghmel skond il-Ligi. Min-naha l-ohra izda, l-kawza tal-incident giet spartita ugwalment bejn iz-zewg sewwieqa, partikolarment minkejja li l-esponenti kien kwazi baqa' sejjer id-dinja l-ohra, it-tort tal-incident gie attribwit bhala ugwali ghal dak tas-sewwieq l-iehor Alfred Borg li baqa' hiereg minn fuq Stop Sign minghajr qatt ma waqaf.

F'dan ir-rigward, huwa applikabbli dak li rriteniet l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Jesmond Bonello vs Giulio Baldacchino** deciza fil-15 ta' Jannar, 1997 qalet illi: *"... f'materja ta' determinazzjoni ta' responsabbilta' ghall-incident awtomobilistiku l-Qorti ghandha dejjem tiggudika a bazi ta' dak li jirrizultalha li kienet il-kawza prossima u immedjata tieghu u tapplika ghalih ir-regoli li s-sewwieqa kienu obbligati josservaw u jobdu. F'materja ta' sewqan huma r-regolamenti u t-tharis u l-ksur taghhom li jaddebitaw ir-responsabblita' u mhux l-ekwita' u gudizzju approssimattiv. Huma dawn ir-regolamenti li ghandhom jigu rigidament applikati. Dan biex jigi assigurat l-ordni, fir-rispett ta' l-istess regolamenti, li wahdu jista' jipprevjeni l-incidenti."* (Ara wkoll il-kawza ***Amadeo Mea vs Carmelo Vella*** (A.C. 24 ta' Jannar 1966).

Skond paragrafu 213 tal-Kodici Ghat-Traffiku fit-Triq, 2001: *F'salib it-toroq jew ghaqda ta' triq principali ma' triq sekondarja, it-traffiku fit-triq sekondarja ghandu jaghti d-dritta lit-traffiku li jkun ghaddej fi, jew li jkun hiereg minn, it- triq principali".*

Illi mhux hekk biss izda minn fejn kien hiereg is-sewwieq l-iehor Alfred Borg hemm senjaletika ta' '*Stop Sign*' fl-art, ovvjament ghaliex ikun hiereg go main road, flimkien ma' linja dritta oltre liem vetturi emergenti ghal fuq Triq l-iMgarr m'ghandhomx jixirfu qabel jassiguraw ruhhom li jista' jidhol fi triq principali minghajr ma jkun ta' ostakolu jew ta' perikolu ghal utenti tat-triq principali.

Fid-dottrina Ingliza[1] huma citati decizjonijiet tal-Qrati Skoccizi (Court of Session) li huma *loci classici* in materja[2] li jisiltu dawn il-principji[3]:

> *A driver approaching a main road from a side road must have his vehicle under such control as to be prepared for any traffic encountered there (Mc Andrew v Tillard). When coming from a side road into a main road, the driver of a vehicle should select such a moment as will allow him to enter the main road with safety (Charlesworth)*
>
> *It is the duty of side road traffic to give way to traffic proceeding along the main road (Robertson v Wilson)*

---

[1] The Law of Collisions on Land, Andrew Dewar Gibb, 1932 pagna 101; The Law Relating to Motor Cars, Mahaffy and Dodson, 1929 p 77; u Charlesworth The Law of Negligence, 1947, p 84-85

[2] Mc Andrew v Tillard 1909,S.C. 78; Robertson v Wilson 1912 S.C.1276; Mc Allister v Glasgow Corporation 1917 S.C. 430; M'Wair v Glasgow Corporation 1923 S.C. 397; Hutchinson v Leslie 1927 S.C. 95.

[3] Kif ikkwotati fis-sentenza importanti *Il-Pulizija vs Anthony Galea, Appell Kriminali, W. Harding 5 ta' Settembru 1953 Kollezz XXXVII.iv.1137*

*The duty of a driver whose course is calculated to disturb the ordinary stream of traffic on a road is of a higher order. The more risky and difficult the manoeuvre is, the greater the duty incumbent on the driver. In the sense, therefore, that turning out of a side-road into a main road is more difficult that continuing a main road, the side-road's driver is higher (M'Nair v Glasgow Corporation;* u *Hutchinson v Leslie)*

U skont il-gurisprudenza Maltija, hemm prezunzjoni *iuris tantum* li s-sewwieq fit-triq principali mhux responsabbli ghall-incident. F'**Anthony Cassar vs Joel Hili** – 26.04.2006 Qorti tal-Appell (Onor. Philip Sciberras) inghad hekk: "[*m]inn dawn il-principji u konsiderazzjonijiet kollha titnissel certament il-presunzjoni, li tibqa' dejjem s'intendi juris tantum illi l-main road user, una volta kellu d-dritta, kellu jitqies li ma kienx responsabbli ghall-incident sakemm is-side road user ma jippruvax illi l-main road user seta' jigi kwalifikat bhala main road abuser. Dan ifisser illi kien jinkombi fuq il-konvenut illi jgib prova adegwata li l-kawza prossima tal-kollizjoni kienet ghal kollox jew in parti dovuta ghan-negligenza fis-sewqan tal-main road user, inkella, jekk ma jirnexxielux jaghmel dan, il-main road user jibqa' sostenut mill-precitata presunzjoni. Ara* ***Cecil Ellul vs Joseph Muscat****, Appell, 6 ta' Ottubru 1999*".

Kien ghalhekk jinkombi fuq is-sewwieq tal-vettura l-ohra li ma johrogx oltre l-linja indikata u ma jostakolax il-via karreggjabbli ta' vettura ta' certu daqs. Indubbjament fil-kaz taht ezami, Alfred Borg, b'mod inkonsult u traskurat, saq oltre l-linja indikata bi *Stop Sign*, billi emerga u kiser il-linja tat-traffiku tal-appellant bil-konsegwenza li kkawza l-incidenti. Illi jinghad ukoll li jidher dettaljatament car li l-istess Alfred Borg anqas biss hares lejn in-naha ta' fuq hekk kif indikat fil-video mehud mis-CCTV camera li hemm fuq il-post.

"L-obbligu tieghu kien illi jieqaf zoptu ***wara l-linja indikata ma' l-art bhala l-limitu li oltre minnha hu ma setax isuq jekk mhux wara li jkun assigura ruhu li t-triq principali kienet ghal kollox 'clear'***." – **Aldo Cutajar -vs- Charles Magro**, Appell, sede Inferjuri, 27 ta' Ottubru 2000.

Rat l-affidavit prezentat minn **PS 664 Jason Xerri** fejn stqarr illi nhar l-10 ta' Marzu,2019 ghall-habta tad-9.30a.m kien gie infurmat li fi Triq l- Mgarr, Ghajnsielem Ghawdex kienet sehhet kollizzjoni bejn mutur u karozza u kien hemm xi nies feruti.

Ghalhekk huwa mar fuq il-post u hemm seta jinnota li kien hemm vettura r*egistration number* DUB 100 tal-ghamla Fiat Dublo f'daqqa frontali u thares lejn id-direzzjoni tax-Xewkija u kif ukoll kien hemm *motorcycle registration number* JBI 294 Suzuki GSK li kien qabez ic-cint tat-triq u spicca fl-ghalqa.

Ix-xufier tal-mutur numru ta' registration JBI 294 kien l-appellant odjern u dan ma kienx ghadu fuq il-post u kien diga ttiehed l-isptar permezz ta' ambulanza. Fuq il-post tkellem max-xuffier tal-vettura DUB 100 certu Alfred Borg u dan wara li kien gie imwissi skond il-ligi stqarr  li kien hiereg minn Triq il- Qighan, Ghajnsilem ghal gol-main road, Triq l-Imgarr u hares 'l fuq u 'l isfel  u ra triq vojta min zewg nahat u hareg u x'hin hareg gie ihares lejn ix-Xewkija f'daqqa wahda habat mieghu mutur li kien gej mid-direzzjoni faccata tal-lane tieghu u gi go wiccu.

Alfred Borg ma garrab l-ebda griehi u l-vettura li kien qed isuq numru ta' registrazzjoni DUB 100 garbet hsarat kbar fuq in-naha ta' quddiem taghha. Il-mutur misjuq mill-appellant JBI 294 garrab hsarat kbar u kien fil-ghalqa xi ftit metri l-isfel mill-vettura DUB 100 liema mutur kien ma genb arblu tad-dawl. Madwar 14.5 metri 'l isfel ukoll mill-vettura DUB 100, instab il-qiegh taz-zarbin li kien libes l-appellant u dan gie markat fuq l-iskizz.

Spjega li ma setax jitkellem mal-appellant ghaliex kien gja iddahhal fl-*operating theatre* u ghalhekk gie mitkellem aktar tard nhar l-14 ta' Marzu, 2019 ghall-habta tad-9.15 mar id-dar tieghu. Wara li nghata id-drittijiet tieghu, l-appellant  stqarr li kien niezel lejn l- Mgarr u kien hemm wiehed li hariglu minn go *side street.* Huwa pprova jevitah izda dan saq ghal fuqu u habat u tghaju bil-mutur b'kollox. Qal li l-linja tieghu ghalaqhielu ghal kollox.

Irrizulta li l-appellant kien qed isofri minn griehi ta' natura gravi. Huwa pprezenta l-iskizz li gie markat bhal dok JX1 kif ukoll ritratti li ha hu stess dak in-nhar tal-incident markati bhala dok JX 3.

**PS 664 Jason Xerri** xehed quddiem l-espert tekniku u kkonferma l-affidavit tieghu, kif ukoll iskizz u r-ritratti esebit fl-atti. B'zieda ma dak li qal fl-affidavit gie nistoqsi jekk kienx ra xi brake marks u jghid li mill-investigazzjoni li ghamel ma ra l-ebda *brake marks* u lanqas ma osserva li kien hemm xi CCTV cameras fl-ekwati  izda sar jaf bihom wara l-incident. Ikkonferma li l-mutur tal-appellant spicca fl-ghalqa u l-

appellant spicca fuq il-bankina tan- naha tal-ghelieqi skond ma qalulu n-nies ghaliex sakemm wasal fuq il-post Vella kien gja ittihed lejn l-isptar. Dwar l-iskizz jghid li ma hux skalat pero nizzel il-qisien kollha. Ikkonferma li f'nfos it-triq il-marki bojod mhumiex kontinwi izda maqtughin.

Il-Qorti rat l-iskizz esebit fl-atti a fol. 5 markat bhal dok KX1 u jirrizulta bic-car li it-triq li kien rikeb l-appellant kienet it-triq principali waqt li t-triq minn fejn hareg Alfred Borg kienet triq sekondarja u sabiex johrog minnha kellu indikat ma l-art il-kelma STOP li ghandha tfisser mhux slow down izda dead stop. Ikkonfermat li id-daqqiet fuq l-vettura ta' Alfred Borg numru ta' registrazzjoni DUB 100 kienu frontali waqt li mutur spicca f'ghalqa vicin arblu tal-eletrriku kif indikat fl-iskizz.

Rat ir-ritratti eseibiti dok JX3 fejn tidher il-vettura ta' Alfred Borg proprju f'nofs ta' triq, l-ghalqa fejn spicca l-mutur, il-vettura angolata f' nofs it-triq thares lejn id-direzzjoni tax- Xewkija u ohra bhalha izda iktar *close up*.

Rat l-okkorenza redatta minn PS 664 markata bhal dok B a fol. 8 u minn esami ta' l-istess jirrizulta li hemm miktub il-versjonijiet moghtija lil PS 664 meta kien qed jinvestiga l-kaz li hu investiga u xehed dwaru fl-affidavit tieghu esebit fl-atti.

Rat illi nhar it-18 ta Gunju, 2019 l-ewwel Qorti kienet innominat lil PJ Mario Buttigieg sabiex jisma x-xhieda bil-gurament u jigbor id- dokumenti inkluz c -CCTV u jipprezenta rapport lil Qorti

**Noel Borg** xehed quddiem l-espert nominat mill-Qorti PL Mario Buttigieg u dan kkonferma li l-vettura tal-ghamla Fiat mudell Dublo numru ta' registrazzjoni DUB 100 hu registrat fuq ismu pero dakinhar tal-incident kien qed jinstaq minn missieru Alfred Borg. Qal li bhala risultat ta' dan l-incident kien hemm hafna hsarat fil-vettura li jammnotaw ghal madwar erbat elef euro ( €4,000) skond dak li itnqal lilu verbalment mill-mechanic tieghu Victor Vella imlaqqam *'is small boy'*. Il-mutur gie spezzjonat gawwa l-garaxx tieghu bl-isem *'Small Boy,'* ix-Xewkija.

**Jessica Bugeja** xehdet nhar il-31 ta' Awwissu, 2019 quddiem l-espert tal-Qorti u stqarret li taht id-dar taghha hemm hanut mgharuf bhala 'Bugeja Fisheries'. Il-filmat li ingabar huwa mehud mill Camera imwhala mad-dar taghha u ghamlet id-*down loading* tieghu personlament u ghaddiet kopja tal-filmat fuq *pen drive* lil Alfred Borg. Ghamlet *down loading* minn fuq iz-zewg cameras u poggiet iz-zewg filmati fuq USB

wahda. Spjegat li l-cameas huma imwahlin fid-direzzjoni opposta ta' xulxin ma l-istess faccata tad-dar taghha. Il-filmat ratu u wara li l-partijiet raw il-filmat l-istess avukati difensuri qablu quddiem il-perit tekniku li dak kien l-itess filmat li ingabar minn Jessica Bugeja Hija ma ratx l-incident isehh. Qalet li l-filmat ghaddietu lil Alfred Borg minn jeddha u mhux ghax giet mitluba. Fil-fatt tghid li Borg huwa gar taghhom u tghid li l-filmat huwa evidenza cara ta' dak li kien gara dakinhar.

**Spettur Bernard Charles Zarb** xehed nhar il-5 ta' Ottubru, 2019 quddiem l-espert nominat mill-Qorti u kkonferma li l-feriti subiti mill-appellant kienu ta' natura gravi kif indikat fic-certfikat mediku rilaxxjat minn Dr Michael Portelli nhar l-10 ta' Marzu, 2019.

**Alfred Borg** xehed fl-istess jum quddiem l-espert tekniku nominat mill-Qorti u jghid li kien jum il-Hadd u kien hiereg mis-service road ta' Triq l-Imgarr fejn huwa residenti. Kien qed isuq van tal-ghamla Fiat Dublo numru ta' registrazzjoni DAB 100. Dak in-nhar kien sejjer lejn direzzjoni tar- Rabat. Wasal fuq l-istop sign hares, ma kien hemm hadd fit-triq u kif ma ra lil hadd hareg ghal got-triq principali . Appena wasal fuq il-karreggjata tal-lemin sehhet il-kollizzjoni. Il-mutur kien gej mid-direzzjoni tar- Rabat u dak il-hin ma kienx jaf min hu. Appena saret il-habta nizel mill-vettura u mar jigri fuq il-motciklist li spicca fuq il-bankina xi 30 jew 40 metru 'l boghod minn fejn sehhet il-kollizjoni. Qal li kienu ghaddejjin tabib u nurse u waqfu jghatu l-ghajnuna sakemm waslet l-ambulanza. Qal li kien rah gej lil tal mutur izda kien xi 20 pied il-boghod meta lemhu. Mal-habta l-mutur spicca fl-ghalqa . Il-van sofra hsarat fuq quddiem naha tax-xellug. Ikkonferma li l-filmati li huwa esebixxa gew mghoddija lilu mill-gara Jessica Bugeja.

In kontro esami jghid li jaqbel li kien fil-lane ta' Bugeja Fisheries u li hija service road. Jaqbel ukoll li fit-tarf taghha hemm *stop sign* u fil-fatt jghid li waqaf ghal kollox '*stand still*' Meta waqaf ghal kollox hares 'l fuq u 'l isfel Mistoqsi jekk meta hareg ostakolax iz-zewg kareggjati jghid li le. Muri il-filmat jinsisti li kien waqaf ghal kollox u *hareg on first gear.*

**Dr Michael Portelli** xehed u muri c-certifikat markat bhal dok BCS 03 jghid li dan hu ic-certfikat li huwa hareg fil-konfront tal-appellant u kkonferma li sofra griehi ta' natura gravi.

L-appellant **Norman Vella** ukoll ghazel li jixhed minn jeddu u b'mod volontarju quddiem l-espert tat-traffiku PL Mario Buttigieg u dan nhar it-23 ta' Novembru, 2019. Dan spjega li nhar l-10 ta' Marzu, 2019 kien qed isuq il-mutur tal-ghamla Suzuki mudell GSXR bin-numru ta' registrazzjoni li ma jiftakrux. Kien qed isuq mid-direzzoni tar-Rabat sejjer lejn l-Mgarr. Kif wasal Triq l-Mgarr, Ghajnsielem u wasal hdejn Bugeja Fisheries ma jiftakarx b'liema velocita kien qed isuq imma f'daqqa wahda hareg Alfred Vella minn fuq in-naha tax-xellug tieghu tat-triq. Qal li Borg hareg minn triq sekondarja u kien qed isuq van. Sabiex jipprova jevitah gibed fuq in-naha tal-lemin tieghu izda Borg baqa' jsuq, ghalaqlu t-triq tieghu u konsegwentement sehhet il-kollizzjoni. Huwa ma jiftakar xejn iktar mill-impatt 'l hemm ghaliex intilef min sensieh. Beda jara cpar u ihoss ugiegh kbir. Imbaghad waslet l-ambulanza u ma jiftakar xejn itkar Bhala konsegwenza ta' l-incident jghid li kiser saqajh, idu u kellu daqqiet u brix.

Il-mutur gie dikjarat *total loss* u skond is *surveyor beyond economical repair*. Qal li kien ghadu ma giex rimborsat mis-socjeta assikruatrici ta' Vella u dan ghaliex Vella kien ghadu ma fetahx *claim* sad-data ta' meta kien xehed hu,.

In kontro esami jghid li kien sejjer dawra. Mistoqsi kemm hu l–ispeed limit f' dawk l ekwati ighid li ma jafx. Mistoqsi jekk kienx qed isuq aktar min normal jghid li ma jiftakarx u ma jafx xi *speed* kellu. Mistoqsi jekk jafx f'liema parti tal-vettura habat jghid li ma jafx. Mistoqsi jikkonferma li l-kollizzjoni saret fuq il- karreggjata fuq in-naha tal-lemin jghid li ma jafx lanqas. Jaf pero li il-vettura ta' Vella ghalqet iz- zewg karreggjati. Lanqas ma jaf fejn spicca il-mutur tieghu mal-habta. Mistoqsi jekk jghaddix minn din it-triq spiss jghid li iva u mistoqsi jekk jafx li hemm tabelli *'black spots'* jghid li ma jafx bihom. Mistoqsi jekk jafx li f'tarf is- service road hemm tabella fejn hemm indikat attent jghid li ma rahiex.

Rat ir-rapport tal-perit tekniku PL Mario Buttigieg esebit fl-atti u hadet konjizzjoni ta' l-istess.

Rat id-digriet taghha tat-13 ta' Ottubru, 2020 fejn ordnat lil PL Mario Buttigieg jidher quddiemha u jesebixxi l-filmat dwar l-incident.

Rat illi fis-seduta ta' l-20 ta Novembru 2020 deher PL Mario Buttigieg u esebixxa USB li juri l-fillmat tal- incident li sehh nhar l-10 ta' Marzu, 2019. Minn esami ta da nil-filmat jirrizulta is-segwenti:-

- Il-vettura talghamla Fiat mudell Doblu kienet ipparkjata fuq ic-centre strip u Alfred Borg jidher diehel fil-vettura jghaddi minn Triq il Qighin li hija is-service road paralella ma Triq l-Imgarr
- Alfred Borg ma jiqafx fuq l-istop sign li hemm fit-triq izda halla vettura ohra tghaddi tal ghamla Honda mudell Accord, u appena din ghaddiet beda hiereg ghal fuq din it-triq principali. Ir-roti tal-vettura ta' Alfred Borg f-ebda hin ma jdihru wieqfa u ma jdurux. Kien dejjem inching out.
- Kif il-vettura misjuqa minn Alfred Borg kienet qed tisporgi fil-karreggjata jidhru r-roti tal-mutur. Dak il-hin il-mutur kien qed jinsaq fuq il-broken white lines
- Il-mutur jidher li baqa' javvanza lejnil-karreggjata tan-naha tal-lemin.
- F'dal hin waqt li l-mutur kien qed jinsaq fuq il-karreggjata fuq in naha tal-lemin, il-vettura misjuqa minn Alfred Borg kienet qed iddur beix taqbad il-karreggjata tan-naha tal-lemin.
- Gie notat li qabel ma sehhet il-kollizzjoni Alfred Borg ,is-sewwieq tal-vettura kien qed jostakola l-karrggjata tan-naha tal-lemin kompletament.
- Jidher car li fl-ebda hin qabel l-impatt ma l-appellant ghafas il-break izda baqa' isuq bl-istes speed sakemm habat.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta ta' l- 20 ta' Novembru, 2020.

Rat is-sentenza prelimianri moghtija minnha fl-ismijiet premessi nhar is-16 ta Ottubru 2020 fejn dinil-Qorti irrilevat ex ufficcio li is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti kienet nulla stante li l-ewwel Qorti ma pprovdiet xejn dwar l-akkuzi ta' sewqan perikolu u bla kont fis-sentenza taghha

Rat il-fedina penali tal-appellant.

Ikkunsidrat.

Illi mhux disputat li l-incident sehh nhar l-10 ta' Marzu, 2019 ghall-habta tal-10.30 a.m fi Triq l-Mgarr, Ghajnsielem, faccata 'Bugeja Fisheries'. Jirrizulta li l-appellant

kien qed isuq mutur tal-ghamla Suzuki GSXR nurmu JBI 294 fi triq principali sejjer lejn l-Mgarr gej mir Rabat. Filwaqt li Alfred Vella kien hareg mid-dar li tinsab fi *service road* paralella ma Triq l-Mgarr u qabad triq principali wara li kien hares 'l isfel u 'l fuq u ma ra l-ebda karozza gejja. Jirrizulta li mal-hrug tal-van ta' Vella sehh l-impatt u l-appellant spicca fuq il-bankina faccata Bugeja Fisheries, il-mutur tieghu fl-ghalqa ta' faccata u l-van ta' Vella fuq l-karreggjata tal-vetturi telghin mill-Mgarr lejn ir-Rabat bi hsara konsiderevoli. Il-mutur gie dikjarat *beyond economical repair.* Dwar dawn il-fatti ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni bejn il-partijiet izda hija biss il-prinicipji tal-ligi applikabbli dwar min ghandu it-tort f'din il-kollizjoni li huma *in ballo.*

Jidher li l-ewwel Qorti sabet il-appellant hati ta' sewqan traskurat kif ukoll tat-tieni akkuza u cioe ta' sewqan traskurat, nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis lejn ir- regolamenti tat- traffiku kkaguna hsara involontarja fuq il-vettura DUB 100 ghad-dannu ta' Alfred Borg.

Il-prosekuzzjoni qed tallega fit-trattazzjoni taghha li l-incident sehh ghaliex l-appellant kien qed isuq il-mutur tieghu b'velocita qawwija u skond l-espert tekniku b'velocita ta 98.63kmfs u b'hekk ma setghax izomm *proper look out* ta' dak li kien ghaddej madwaru tant li meta ra lil Alfred Borg hiereg minn dik is-service road, Triq il-Qighin ma setax jiskapulah. Id-difiza min naha l-ohra qed tghid li l-appellant kien qed isuq fi triq principali meta f'daqqa u 'l hin hareg Alfred Borg minn fuq stop sign u ostakola il-karreggjata ta' l-appellant u b'hekk sar is-sinsitru. Mhux kontestat li l-appellant kien ghaddej fuq it-triq principali Triq l-Mgarr waqt li Alfred Borg kien hiereg minn triq sekondarja Triq il-Qighin ghal fuq triq principali meta sehh l-incident.

**Kunsiderazzjonijiet legali.**

L-appellant instab hati ta' zewg akkuzi, l-ewwel wahda talli saq b'manjera traskurata u fit-tieni lok talli involotnarjament minhabba t-traskuragni u nuqqas ta' oservanza tar regolamenti tat-traffiku ikkawza hsara fuq il-vettura tal-ghamla Fiat numru ta' registrazzjoni DUB 100 proprjeta ta' Alfred Borg.

*"Is-sewwieq li johrog minn side road ghal triq principali ghandu jiehu hsieb li jcedi ghat-traffiku li jkun ghaddej mit-triq principali.* Ara f'dan is-sens: **Stagno Navarra vs Saliba e**t[4]; **Montebello vs Gatt[5]**; **Pulizija vs Galdes**[6],; **Pulizija vs George Buttigieg**[7]; **Pulizija vs Anthony Galea[8]**.

Minn dawn is-sentenzi johrog car l-obbligu ta' min johrog minn *side road* li jesplora tajjeb it-triq qabel ma johrog, li jwaqqaf biex jaccerta ruhu minn dan u li jzomm il-proper lookout. Min hiereg ghandu jieqaf ghal kollox sakem jaccerta ruhu li t-triq hija libera (ara **John Farrugia vs Edmond Camilleri[9]**,; u **Pulizija vs John Gregory[10]**,). Jinghad ukoll li tali responsabbilta` tizdied fil-kaz ta' min johrog minn entratura jew uxxita li mhix side road propja minhabba li utent tat-triq principali hu fil-pozizzjoni li jipprevedi li tista' tohrog vettura izda din il-previsjoni tonqos sostanzjalment f'kaz ta' semplici entratura.

Il-gurisprudenza taghna ttrattat bl-aktar mod dettaljat x'ghandha tkun il-procedura li trid tigi segwita minn utent ta' triq sekondarja waqt li jkun hiereg fi triq principali. Per ezempju, fis-sentenza taghha fil-kawza fl-ismijiet **Mario Spiteri v. Charles Vella[11]**, il-Prim Awla tal-Qorti Civili osservat li:

*"Il-principju regolatur f'kazijiet konsimili huwa ormaj ben saldat fil-gurisprudenza li ssostni li min ikun hiereg minn triq sekondarja ghal triq principali ghandu l-obbligu li juza l-massima attenzjoni u prudenza. Jehtieglu jesplora sewwa t-triq principali, aktar u aktar fejn il-vizwali tieghu tkun ostakolata minn vetturi pparkajati, kif hekk kien il-kaz f'din il-kawza; Il-kazistika inoltre tikkawtela li hu ghandu johrog "inching out" u jassigura li t-triq hi libera."*

F'**John u Tessie konjugi Soler v. Claire Gove` u Fogg Insurance Agencies[12]**, l-Qorti qalet li l-principju legali bazilari li ghandu jirregola s-sitwazzjoni in disamina huwa assodat fil-gurisprudenza:

---

[4] Appell civili Inferjuri deciz nhar is-27 ta' Novembru, 1961 XLV.i.389
[5] Appell civili deciz nhar id-19 ta' Awwissu, 1966 L.i.296
[6] Qorti tal-Appelli Kriminali deciz nhar it-30 ta Mejju 1953
[7] Qorti tal-Appelli Kriminali deciz nhar it-30 ta' Marzu 1963, –XLVII.iv.1198
[8] Qorti tal-Appelli Kriminali deciz nhar it-30 ta' Meeju,1963 – XXXVII.iv.1137
[9] Appell Civili Inferjuri deciz nhar id-9 ta' Mejju 2007
[10] Qorti tal-Appelli Kriminali deciz nhar it-28 ta' Settembru 1963
[11] Prim Awla tal-Qorti Civili deciza 2 ta' Dicembru 2002, per Imhallef Philip Sciberras - XXXVII.iv.1108
[12] Prim Awla tal-Qorti Civili deciza fl-14 ta' Ottubru 2003, per Imhallef Noel Cuschieri

*"... fis-sens li s-sewwieq gej minn triq sekondarja u li ser jidhol go triq principali, qabel ma jghamel il-manuvra tieghu ta' inserzjoni, ghandu jesplora tajjeb u b' mod diligenti it-triq principali u ghandu jinserixxi ruhu fiha unikament meta jkun cert li jista' jghamel din il-manuvra minghajr riskju u perikolu. Ghandu jaccerta ruhu li jibda, u jittermina din il-manuvra minghajr perikolu u xkiel ghat-traffiku li jista' jkun ghaddej mit-triq principali kemm fuq il-first lane kif ukoll fuq is-second lane*[13]*. Aktar ma tkun popolari u traffikuza din it-triq akbar ikun l-oneru u l-grad ta' attenzjoni li ghandu jezercita s-sewwieq awtur tal-manuvra. Is-sewwieq tas-side road "ghandu d-dritt li jaqsam il-main road meta bid-debita prudenza jkun accerta ruhu li din hi libera"*[14]. Huwa ghandu *"l-obbligu assolut li, x' hin japprossima l-crocevia, jesploraha bl-akbar attenzjoni qabel ma jiddeciedi li jittraversaha"*[15]

*"Ghandu jidhol fil-main road meta din tkun talment libera li jista' jghaddi ghal go fiha bla ma jiehu riskju li driver prudenti m' ghandux jiehu"*[16]. Is-side road user li jrid jidhol fil-main road ghandu qabel ma jidhol fiha jimxi dead slow li sahansitra jieqaf sakemm jaccerta ruhu li jista' johrog bla hsara.[17]

Principju legali relatat, anzi inerenti ghall-premess, hu dak li jimponi fuq kull sewwieq l-obbligu li fis-sewqan tieghu jzomm a proper look out. Dan l-obbligu huwa korollari ghal-princiju li sewwieq ghandu l-oneru li fis-sewqan tieghu juza dik id-diligenza mistennija minn *bonus paterfamilias* u li hija ragjonevoli tenut kont tac-cirkotanzi:bhal ma huma l-konfigurazzjoni tat-triq, il-frekwezna tat-traffiku fit-triq principali, id-dawl, il-vizwali u cirkostanzi partikolari ohra li jistghu jirrikjedu grad ta' attenzjoni gholi mis-sewwieq li jrid jinserixxi ruhu go main road. Side road user [ghandu] 'a higher duty' li jespolra l-main road, u jesploraha tajjeb f' sens li jara dak li kien vizibbli.

Tnejn huma l-principji generalment akkolti fid-duttrina u fil-gurisprudenza estera u lokali, in materja ta' incident ta' traffiku stradali, li ghandhom jirregolaw l-investiment ta' vetturi, jigifieri: (a) hu obbligu ta' kull sewwieq li jirregola s-sewqan skond il-kondizzjonijiet u c-cirkostanzi bhala ma huma l-hin ta' bil-lejl, il-vizwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, il-piz tal-vettura, l-istat tal-art u cirkostanzi ohra kontingenti, u (b) hu d-dmir ta' sewwieq li jzomm dak li komunament tissejjah a

[13] Prim Awla (NC) **Manuel Caruana et vs Dottor Tonio Mallia** et noe deciza 21 ta'Marzu 2002.
[14] App.Krim. **Il-Pulizija vs Nazzareno Borg** - 12 ta' Novembru 1960.
[15] ibid
[16] Qorti tal-Appelli Kriminali **Il-Pulizija v. Giuseppe Galdes** – Vol.XXXVII.IV.1108
[17] Vol.LXXXII.II.473

*reasonable look out,* liema dmir igib mieghu li s-sewwieq jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli. *Reasonable look out* ifisser id-dmir li ssewwieq jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli jew ahjar *in plain view. "The duty to look implies the duty to see what is in plain view"*.

L-inċident stradali in kwistjoni seħħ appena Alfred Borg hareg minn triq sekondarja ghal got- triq principali. Insibu fil-Highway Code f'dan ir-rigward illi :

*91. Unless otherwise indicated, traffic on the major road has right of way on traffic crossing, joining or leaving the major road.'*

Ġie ribadit fid-dottrina illi : "*There is a well recognised rule that traffic entering or crossing a main road must give way to traffic proceeding along the main road from either direction … it is important that the rule should be observed and the right which it confers should not be allowed to be whittled away; drivers who have the rule in their favour are entitled that the rule will be observed by others."*[18]

Hekk ukoll ingħad illi : "*When coming from a side road into a main road, the driver or rider on a vehicle should select such a moment as will allow him to enter the main road with safety.*"[19]

Ġie enfasiżżat mill-qrati tagħna illi s-side road user għandu dritt li jaqsam għal ġo main road meta bid-debita prudenza, jkun aċċerta ruħu li din hi libera,[20] u li dan irid jidħol ġo main road bla ma jieħu riskji li sewwieq prudenti ma jieħux.[21]

Fil-każ tagħna insibu illi, Alfred Borg ma waqafx fuq stop sign izda baqa hiereg wara l-Honda bla ma zamm proper look out 'to see what is in plain view' u ghalhekk ma jidhrix li  lemaħ il-mutur tal-appellant ġej mid-direzzjoni tar-Rabat sejjer lejn l Mgarr, huwa ma baqgħax jistenna fuq li stop sign, kif kien id-dmir tiegħu li jagħmel, imma ħaseb li kellu johrog u ppretenda li kellu ċans jilħaq joħroġ . Li hu zgur pero li meta kien hiereg Alfred Borg mit triq sekondarja dan hares biss 'il fuq u l-isfel' u ra li it-triq kienet vojta . Ma regax hares l-fuq kif hu mistenni li jghamel. Alfred Borg ghalhekk hareg bla ma ha l-proper look out msitenni minn persuna li ser tinvadi triq principali. Huwa minnu li appena hareg fit triq principali dawwar fid-direzzjoni tar-

---

[18] O.C. Mazengard : Negligence on the Highway (Butterworths Ed. 1962 pg. 326 - 327)
[19] Charlesworth : The Law of Negligence (2nd Ed. pg. 82)
[20] Appell Kriminali : Pulizija vs Nazzareno Borg : 11.11.1960
[21] Appell Kriminali : Pulizija vs Giuseppe galdes; vol.XXXVII p. 1108

Rabat, xorta sab lill-appellant ma' wiċċu. Dak il-hin l-appellant kien fuq il karreggjata l- ohra tieghu u cioe dik ta ghal Alfred Borg ghaliex meta ra lil Borghiereg ghamel dik il-manuvra biex jipprova jiskapolah u dan nonostante Borg baqa' dieħel ġo fih.

F'tali ċirkostanzi jirriżulta għalhekk illi Borg żgur li kien imprudenti fis-sewqan tiegħu u naqas li josserva r-regoli tat-traffiku dan għaliex, minkejja li s-sinjali tat-traffiku kienu jesiġu li jieqaf fuq li stop sign u jesplora sew it-triq qabel ma joħroġ fuq it-triq prinċipali, huwa għazel li jieħu riskju u jaqbad u joħroġ, minghajr ma ivverifika sew jekk it-triq kienitx libera .

Il-Qorti pero tosserva wkoll li l-main road user mhux il-main road abuser (ara **Stagno Navarra vs Saliba** fuq imsemmija). Infatti l-***main road user*** ghandu wkoll l-obbligu li joqghod attent u li jzomm hu wkoll il-***proper lookout*** (ara f'dan is-sens **Montebello vs Gatt** fuq imsemmija). Dawn huma fatturi importanti meta jittiehdu wkoll il-velocita` ta' vettura, kundizzjonijiet tat-triq, dwal u jekk wiehed jaqbisx il-karreggjata tieghu. Bl-istess mod min ghandu r-*right of way* m'ghandux jisforza indebitament dan id-dritt tieghu (ara **Pulizija vs George Buttigieg** fuq imsemmija).

Jibqa' biss sabiex jiġi nvestigat jekk l-appellant innifsu setgħax ikkontribwixxa b'xi mod għall-istess inċident . Bħala l-*main road user* bir-raġun kien jippretendi illi jkollu d-dritta fit-triq, u nfatti hekk għamel, għax minkejja li seta ra lil Alfred Borg hiereg minn fuq stop sign kieku kien aktar kawt baqa' ghaddej u fl-ebda hin ma zamm break biex jipprova jevita is-sinsitru. Huwa minnu illi huwa ġie rinfaċċjat b'*a sudden emergency* bil-manuvra imprudenti ta' Borg, li qabad u ħareġ f'daqqa għal ġo l-*main road*. Huwa minnu wkoll illi l-appellant ha *evasive action* fi sforz li jevita li jolqot il-karozza ta' Borg, u nfatti kien għalhekk illi ġibed għall-lemin tiegħu u daħal fil-kareġġjata tat-traffiku ġej mid-direzzjoni opposta fejn sehh l-akkadut. Ma jistax jiġi nnegat pero' illi l-appellant kien għaddej b'ċerta veloċita' li ma ppermettietlux jikkontrolla l-mutur tiegħu sew hekk kif ġie rinfaċċjat b'din l-emergenza. Huwa ma halla l-ebda *brakemarks*, u kien ghalhekk li l-impatt kien wiehed kbir tant li tar min fuq il-mutur u l-mutur ma l-impatt spicca f'ghalqa waqt li iz-zarbuna li kien libes spiccat fit-triq xi 14.5m l boghod minn fejn waqfet l-vettura wara l-impatt. Dan kollu jindika li l impatt kien wiehed qawwi ħafna, b'konsegwenza ta' veloċita' ferm aktar minn dik konsentita, f'dik it-triq . Kif ġie enfasiżżat mill-qrati tagħna, " … *jekk wieħed*

*ikun għaddej minn main road, għalkemm igawdi right of way, xorta waħda għandu l-obbligu bħal kull sewwieq ieħor li jsuq b'attenzjoni, li jfisser li jagħraf il-waqt u jagħmel mill-aħjar tiegħu sabiex jevita kull inċident posibbli, u b'mod li dejjem għandu jieħu l-prekawzjonijiet meħtieġa sabiex ma jkunx ta' perikolu għall-utenti ta' l-istess triq u oħrajn u ma għandux jinsa l-obbligi tiegħu u jabbuża mid-dritta li għandu.*" [22]

Hekk ukoll ġie ribadit illi : " *… ma jista' jkun lanqas dubitat illi l-fatt li wieħed ikun qed isuq fi triq prinċipali, dan ma jiddispensahx ċertament mill-obbligu pimarju nkombenti fuq kull utent tat-triq li juża d-diliġenza meħtieġa fis-sewqan.*"[23]

Intqal ukoll illi : "*Main road user m'għandux unikament għax u bħala tali, xi brevett ta' immunita' minn kwalunkwe responsabilita' f kull infortunju stradali li fih ikun ko-involt side road user.*" [24]

Fil-fehma tagħha, din il-veloċita' eċċesiva ta' l-appellant kkontribwiet ukoll b'mod sostanzjali għal dan l-inċident . Il-fatt li Borg kien ħareġ għal kollox u dar għal fuq il-karreġġjata ta' min ikun ġej mid-direzzjoni tar-Rabat, jindika illi lahħaq għadda ċertu ħin minn x'ħin l-appellant lemaħ lil Borg l-ewwel darba fuq li *stop sign*. Madankollu,minkejja li raħ, minflok ma naqqas mill-veloċita', għazel li jibqa' għaddej kif kien, għax kellu d-dritta. Imma veloċita' iktar moderata kienet tikkonsentilu jibbrejkja fil-ħin biex jevita l-inċident u jikkontrolla l-karozza aħjar . Ċertament l-impatt ma kienx ikun daqstant qawwi . Għaldaqstant jixraq illi parti mill-ħtija tiġi attribwita lil Borg .

Ghalhekk din il-Qorti rat li l-appellant ma osservax ir- regolamenti tat traffiku tant li saq b'mod eccessiv fi triq principali u konsegwentement ghandu jinstab hati ta' sewqan traskurat u in oltre minhabba dan it-traskuragni sehh l-incident mertu tal-kawza. Fil-fatt dwar sewqan traskurat gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs**

[22] Prim'Awla : Joseph Bugeja vs Frankie Zammit : 4.4.1984 vol.LXVIII. ii. 446
[23] Appell Civili Inferjuri : Citadel Insurance Plc noe. et vs Paul Scerri deciz nhar it-22 ta Gunju .2005
[24] Appell Civili Inferjuri Lawrence Montebello vs Vincent Gatt deciz nhar id- 19 ta' Awwissu ,.1966

**Andre Apap**[25] fejn dik il-Qorti ghamlet referenza ghas-sentenza ta' dik l-istess Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud** [26] li:

*"Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat. "* Ghalhekk dak hu proprju li ghamel l-appellant ghalkemm jinghad pero li Alfred Borg ukoll ikkontribwixxa ghal dan l-incident billi hareg minn fuq stop sign bla ma ha l-prekawzjonijiet mehtiega. L-akkuzi ta sewqan perikolu u bla kont ma jirrizultawx.

Dwar il-piena din il-Qorti rat li Alfred Borg ikkonribwixxa ghal dan l-incident b'mod konsiderevoli u ghalhekk tali fattur ghandu jittiehed in konsiderazzjoni meta tigi biex terroga l-piena. Din il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe 15 (1)( a) (2) tal Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 328(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tiddikjara li qed issib lill-appellant hati tal-ewwel akkuza in kwantu tirrizulta is-sewqan traskurat tieghu u talli involontarjament ikkaguna hsara fuq il-vettura ta' Alfred Borg u bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal- kapitolu 446 tal-Ligjiet ta' Malta qed tillibera lill-appellant bil-kundizzjoni li ma jghamilx reat iehor ta' natura volontarja fi zmien sena (1) m'illum filwaqt li qed tiddikjara li mhux qed issibu hati tar-reat ta' sewqan perikoluz u bla kont u tilliberah minnhom.

Il Qorti qeda twissu l-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor f'dan il-perijodu ta' liberta kondizjonata.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur

---

[25] moghtija mill-Qorti ta' l-Appell preseduta minn Prim Imhallef Silvio Camilleri nhar l-4 ta' Frar 2011

[26] moghtija mill-Qorti ta' l-Appell nhar is-6 ta' Mejju 1987 (Vol. LXXXI.iv.157)